

Brussell, 27 ta' Marzu 2025
(OR. en)

7496/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0060(NLE)

RECH 125
ATO 12

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Marzu 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 111 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-adozzjoni tal-programm supplimentari ta' riċerka tar-reattur ta' fluss għoli f'Petten għall-2024-2027 li għandu jiġi implimentat miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 111 final.

Mehmuż: COM(2025) 111 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.3.2025
COM(2025) 111 final

2025/0060 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-adozzjoni tal-programm supplimentari ta' riċerka tar-reattur ta' fluss għoli
f'Petten għall-2024-2027 li għandu jiġi implimentat miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka
għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-Reattur ta' Fluss Għoli (minn hawn 'il quddiem: l-HFR, High Flux Reactor) huwa installazzjoni tar-riċerka bbażata f'Petten (in-Netherlands) li jinsab għad-dispożizzjoni tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom), irrappreżentat mill-Kummissjoni, f'konformità ma' ftehim konkluż fl-1961 mar-Renju tan-Netherlands għal durata ta' 99 sena. Skont dan il-ftehim, il-Kummissjoni impenjat ruħha, f'isem il-Komunità, li tibni l-faċilitajiet meħtieġa u li tipprovdi aktar tagħmir sabiex tagħmel "l-aħjar użu" minn dawn il-faċilitajiet (fosthom l-HFR). Sa mill-1967, it-tħaddim tar-reattur ġie fdat mill-JRC tal-Kummissjoni lill-operatur Olandiż Nuclear Research and consultancy Group – NRG skont kuntratt ta' kooperazzjoni bbażat fuq il-ftehim tas-Sede tal-1961.

L-HFR tmexxa bħala Programm tal-Komunità sal-1971, meta ġie kkonvertit fi programm supplimentari bbażat fuq l-Artikolu 7 tat-Trattat Euratom, li jintegra l-programmi tal-Komunità ffinanzjati mill-baġit tal-Komunità. Minn dak iż-żmien 'il hawn, l-HFR beda jopera fil-qafas ta' Programmi Supplimentari suċċessivi bil-parteċipazzjoni ta' konfigurazzjoni varjabbli tal-Istati Membri.

Permezz tal-programm supplimentari ta' riċerka ffinanzjat minn żewġ Stati Membri jew aktar, l-HFR jipprovdi fluss tan-newtroni stabbli u affidabbli għal finijiet sperimentali. L-oqsma investigati fil-qafas tal-programmi supplimentari huma: il-materjali nukleari u x-xjenza tal-fjuwils bil-għan li titjieb is-sikurezza tar-reatturi nukleari (kemm il-fissjoni kif ukoll il-fużjoni), l-investigazzjonijiet dwar kemm ir-reattur ikun qed jeqdiem u l-ġestjoni tal-ħajja tiegħu, ir-riċerka dwar iċ-ċikli avvanzati tal-fjuwil u l-ġestjoni tal-iskart. L-HFR iservi wkoll bħala faċilità ta' taħriġ li tospita l-istudenti tad-dottorat jew tal-postdottorat li jkunu qed iwettqu l-attivitajiet tar-riċerka tagħhom permezz ta' programmi nazzjonali jew Ewropej.

L-aħħar Programm Supplimentari ġie adottat fid-29 ta' Ġunju 2020, u jkopri 4 snin (2020-2023) (Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/960/Euratom – ĠU L211/14, 3.7.2020). Il-Programm huwa implimentat miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC, Joint Research Centre) għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika. Il-kontribuzzjoni għall-Programm Supplimentari ta' Riċerka għall-2020-2023 ġie minn żewġ Stati Membri parteċipanti, in-Netherlands u Franza, b'baġit totali ta' EUR 27 854 000. Dan l-ammont jinkludi l-provvedimenti għall-kontribuzzjonijiet annwali lill-fond għad-dekummissjonar tar-reattur. Il-programm supplimentari ta' riċerka attwali skada fil-31 ta' Diċembru 2023.

Ir-reattur jintuża wkoll għall-produzzjoni kummerċjali tal-isotopi radjuattivi (taħt ir-responsabbiltà tal-operatur) li jkopru aktar minn 65 % tal-10 miljun dijanjożi medika kollha mwettqa kull sena fl-Ewropa. Huwa sors indispensabbli ta' provvista għall-kumpaniji radjufarmaċewtiċi Ewropej f'dan il-qasam. Barra minn hekk, bis-saħħa tal-post fejn qiegħed, il-produzzjoni tar-reattur tiġi diretta b'ħeffa lejn iċ-ċentri mediċi fl-Ewropa. Dan huwa importanti ferm għall-isotopi b'ħajja qasira li qed jintużaw l-aktar bħalissa.

Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill tirrigwarda programm ġdid ta' 4 snin għat-tħaddim tal-HFR (2024-2027) ibbażat fuq il-kontribuzzjonijiet tan-Nuclear Research and consultancy Group – NRG (f'isem in-Netherlands) u tal-Commissariat à l'énergie atomique et aux énergies alternatives – CEA (f'isem Franza). Il-kontribuzzjoni għall-programm supplimentari ta' riċerka għall-2024-2027 se tkun ta' EUR 26,815 miljun fil-perjodu ta' 4 snin, dment li l-

HFR jibqa' jitħaddem u ssirlu manutenzjoni b'mod regolari. Dan l-ammont ikun jinkludi l-provvedimenti għall-kontribuzzjonijiet annwali lill-fond għad-dekummissjonar tar-reattur. Jekk matul il-perjodu 2024-2027, l-operatur NRG joħroġ notifika uffiċjali ta' waqfien definittiv lill-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza qabel id-dikjarazzjoni ta' stat ta' konservazzjoni sikura, il-pagamenti pendenti kif ukoll is-sejħiet għal fondi mill-Kummissjoni se jiġu sospiżi.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Fil-laqgħa li kellu fis-27 ta' Ġunju 1996, il-Kunsill iddikjara li abbażi ta' finanzjament adegwat, l-HFR jista' jagħti kontribuzzjoni għat-tweqqif ta' programmi tal-Komunità, kemm fil-kuntest tal-Programmi ta' Qafas kif ukoll 'il barra minnu.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Mhux applikabbli

2. **BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi legali**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 7 tat-Trattat Euratom.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux applikabbli

- **Proporzjonalità**

Mhux applikabbli

- **Għażla tal-istrument**

Mhux applikabbli

3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex-post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Fost l-Istati Membri li ġew ikkonsultati minħabba l-attivitajiet tar-riċerka tagħhom fil-qasam nukleari, żewġ Stati Membri (in-Netherlands u Franza) qablu li jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-HFR.

- **Ġbir u użu tal-għarfien esperti**

Mhux applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli

- **Idoneità regolatoria u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Fid-dikjarazzjoni finanzjarja tiegħu dan il-programm supplimentari għdid juri l-kontribuzzjoni li għandha tingħata miż-żewġ Stati Membri parteċipanti, jiġifieri n-Netherlands u Franza. Il-kontribuzzjonijiet ta' dawn iż-żewġ Stati Membri għall-perjodu 2024-2027 jammontaw għal EUR 26,815 miljun. Dawn l-ammonti flimkien mal-livell mistenni ta' introjtu kummerċjali jiżguraw baġit suffiċjenti tat-tħaddim sabiex jibbilanċja l-kostijiet imbassra tar-reattur matul il-perjodu 2024-2027. Wieħed għandu jinnota li l-baġit jinkludi l-provvedimenti għad-dekummissjonar tar-reattur, kif ukoll il-kostijiet marbuta mal-appoġġ ġenerali għall-HFR, għall-utilitajiet, għall-assigurazzjonijiet u għall-ġestjoni tal-fjuwil użat.

Il-Kummissjoni tikkonferma d-dikjarazzjoni mniżżla fil-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 1996, li fiha ddikjarat li "abbażi ta' finanzjament adegwat, l-HFR jista' jagħti kontribuzzjoni għat-twettiq ta' programmi tal-Komunità, kemm fil-kuntest tal-Programmi ta' Qafas kif ukoll 'il barra minnu. Din il-parteċipazzjoni se sseħħ fuq bażi kompetittiva jew inkella permezz tas-servizzi ta' irradjazzjoni lill-Istituti tal-JRC waqt l-implimentazzjoni tal-attivitajiet rispettivi tagħhom." Dan ifisser li l-Kummissjoni mhix se tikkontribwixxi għall-kost operazzjonali tal-HFR b'fondi mill-baġit istituzzjonali tagħha, inkluż kwalunkwe kost għall-manutenzjoni jew għat-tiswija tar-reattur.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Bord tal-Gvernaturi taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għandu jinżamm infurmat dwar l-implimentazzjoni tal-programm. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport finali dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Mhux applikabbli

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-adozzjoni tal-programm supplimentari ta' riċerka tar-reattur ta' fluss għoli f'Petten għall-2024-2027 li għandu jiġi implimentat miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkonsulta lill-Kumitat Xjentifiku u Tekniku,

Billi:

- (1) Ir-reattur ta' fluss għoli f'Petten ("HFR") kien riżorsa importanti għar-riċerka tal-Komunità dwar ix-xjenzi u l-ittestjar tal-materjali, il-mediċina nukleari u r-riċerka dwar is-sikurezza tar-reattur fil-qasam tal-enerġija nukleari.
- (2) It-tħaddim tal-HFR ġie appoġġat minn serje ta' programmi supplimentari ta' riċerka. L-aħħar programm supplimentari ta' riċerka, stabbilit skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (Euratom) 2020/960¹ għal terminu ta' 4 snin, skada fil-31 ta' Diċembru 2023.
- (3) Minħabba l-importanza kontinwa tiegħu bħala infrastruttura insostitwibbli għar-riċerka tal-Komunità fl-oqsma tat-titjib tas-sikurezza tar-reatturi nukleari, tas-saħħa (inkluż l-iżvilupp ta' isotopi mediċi għar-riċerka medika), tal-fużjoni nukleari, tar-riċerka fundamentali, tat-taħriġ u tal-ġestjoni tal-iskart (inkluż il-possibbiltà li tiġi studjata l-imġiba tas-sikurezza tal-fjuwils nukleari għas-sistemi tar-reatturi li huma ta' interess għall-Ewropa), jenħtieġ li l-HFR ikompli jingħatalu appoġġ permezz ta' programm supplimentari ta' riċerka sal-aħħar tal-2027.
- (4) Minħabba l-interess speċjali tagħhom fil-kapaċitajiet tal-irradjazzjoni tal-HFR, in-*Nuclear Research and consultancy Group V.O.F* ("NRG") u l-*Commissariat à l'énergie atomique et aux énergies alternatives* ("CEA"), bħala aġenti implimentattivi għan-Netherlands u għal Franza, rispettivament, qablu li jiffinanzjaw il-programm supplimentari ta' riċerka tal-HFR għall-2024-2027 kollu permezz ta' kontribuzzjonijiet magħmula lill-baġit ġenerali tal-Unjoni permezz ta' dħul assenjat estern.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (Euratom) 2020/960 tad-29 ta' Ġunju 2020 dwar l-adozzjoni tal-programm supplimentari ta' riċerka tar-reattur ta' fluss għoli għall-2020-2023 li għandu jiġi implimentat miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L211, 3.7.2020, p. 14, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2020/960/oj>).

- (5) Dawk il-kontribuzzjonijiet jenħtieġ li jservu biex jiffinanzjaw it-tħaddim tal-HFR sabiex jiġi appoġġat programm ta' riċerka u t-tħaddim u l-manutenzjoni regolari tal-HFR. Il-ħruġ ta' notifika uffiċjali ta' waqfien definittiv mill-operatur NRG lill-awtorità regolatorja nazzjonali Olandiża qabel id-dikjarazzjoni ta' stat ta' konservazzjoni sikura jenħtieġ li jwassal għas-sospensjoni tal-pagamenti pendenti u ta' kwalunkwe sejħa għal fondi mill-Kummissjoni.
- (6) Sabiex tiġi żgurata kontinwità bejn il-programmi supplementari ta' riċerka u t-tħaddim bla xkiel tal-programm supplementari ta' riċerka tal-HFR għall-2024-2027, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2024.
- (7) Il-Bord tal-Gvernaturi taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka ta l-opinjoni tiegħu minn qabel² skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/282/Euratom³.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-programm supplimentari ta' riċerka dwar it-tħaddim tar-Reattur ta' Fluss Għoli f'Petten ("HFR") ("il-programm"), li l-oġettivi tiegħu huma stabbiliti fl-Anness I, huwa adottat għal perjodu ta' 4 snin, li jibda mill-1 ta' Jannar 2024.

Artikolu 2

Il-kostijiet għat-tweqqif tal-programm, li huma stmati għal EUR 26 815 000, għandhom jiġu kompletament iffinanzjati mill-kontribuzzjonijiet minn Franza u min-Netherlands, permezz tal-Commissariat à l'énergie atomique et aux énergies alternatives (CEA) u tan-*Nuclear Research and consultancy Group V.O.F* (NRG), rispettivament. It-tqassim ta' dan l-ammont huwa stabbilit fl-Anness II. Din il-kontribuzzjoni għandha titqies bħala dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(2), il-punt (a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴.

Artikolu 3

1. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni tal-programm. Għal dan il-għan, hija għandha tirrikorri għas-servizzi taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka.
2. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Bord tal-Gvernaturi taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka infurmat bl-implimentazzjoni tal-programm.

² L-Opinjoni tas-7 ta' Novembru 2024.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/282/Euratom tal-10 ta' April 1996 dwar l-organizzazzjoni mill-ġdid taċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunt (ĠU L 107 of 30.04.1996, p. 12, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/1996/282/oj>).

⁴ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

Artikolu 4

Fil-każ li l-NRG jinnotifika uffiċjalment lill-awtorità regolatorja nazzjonali Olandiża bil-waqfien definittiv tal-HFR, qabel id-dikjarazzjoni ta' stat ta' konservazzjoni sikura, l-obbligi min-naħa ta' Franza u tan-Netherlands, permezz tas-CEA u tal-NRG, rispettivament, li jagħmlu pagamenti ulterjuri għandhom jiġu sospiżi, kif ukoll kwalunkwe sejħa għal fondi mill-Kummissjoni skont din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport finali dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill wara t-tmiem tal-programm għall-2024-2027.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Għandu tapplika mill-1 ta' Jannar 2024.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Il-programm supplimentari ta' riċerka tar-Reattur ta' Fluss Għoli għall-2024-2027 li għandu jiġi implimentat miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Titolu 01: Riċerka u Innovazzjoni

Kapitlu 01 20: Proġetti pilota, azzjonijiet preparatorji, prerogattivi u azzjonijiet oħra

Artikolu 01 20 03: Azzjonijiet oħra

Partita 01 20 03 05: Tħaddim tar-reattur ta' fluss għoli (HFR) – Programm supplimentari ta' riċerka tal-HFR

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar:

☐ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja⁵

☒ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

Ir-Reattur ta' Fluss Għoli (HFR) għandu rwol importanti fl-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi, fl-oqsma tar-riċerka relatati mas-sikurezza tal-impjanti nukleari li qed jeqdiemu u l-estensjoni tal-ħajja tagħhom, it-titjib tas-sikurezza tal-fjuwil, il-ġestjoni sikura tal-iskart nukleari kif ukoll it-taħriġ.

Barra minn hekk, ir-riċerka fundamentali tuża raġġi tan-newtroni sabiex tistudja l-istruttura tal-materjali. Din l-attività qiegħda dejjem tiżviluppa u tikkontribwixxi għall-fehim tal-mekkaniżmi ta' degradazzjoni u għat-taffija tagħhom, u b'hekk tgħin biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-impjanti eżistenti. Fil-qafas tal-fużjoni termonukleari, qed jiġu implimentati diversi proġetti biex jiġu ttestjati materjali strutturali u ta' riġenerazzjoni għar-reatturi tal-fużjoni tal-ġejjieni.

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Objettiv speċifiku

L-objettiv ewlieni tal-Programm Supplimentari ta' Riċerka tal-HFR huwa t-tħaddim sikur u affidabbli tal-HFR. Din l-attività tinvolvi l-użu normali tal-installazzjoni għal

⁵ Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

perjodu massimu ta' tħaddim, u l-forniment ta' fluss tan-newtroni għall-esperimenti u għall-produzzjoni tal-isotopi mediċi.

1.4.3. *Riżultat(i) u impatti mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Id-data u r-riżultati sperimentali dwar l-irradjazzjoni f'firxa wiesgħa ta' dixxiplini bħal: is-sikurezza tar-reatturi nukleari, l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi għall-użu mediku u għar-riċerka, ir-riċerka dwar il-materjali tar-reattur tal-fużjoni, ir-riċerka nukleari fundamentali u t-taħriġ, il-kwistjonijiet dwar il-ġestjoni tal-iskart u l-fjuwils nukleari għal ġenerazzjoni ġdida aktar sikura ta' sistemi tar-reatturi.

1.4.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

L-obbligi tal-Kummissjoni jikkonsistu fil-ġestjoni tal-programm supplimentari ta' riċerka u konsegwentement fir-rapportar dwar l-istat tekniku tat-tħaddim tar-reattur, l-użu xjentifiku tiegħu, u s-sitwazzjoni baġitarja tiegħu. Il-JRC se jħejji rapport finali u dan se jkopri s-suġġetti li ġejjin:

- ir-rapportar tekniku li jipprovdi d-data dwar it-tħaddim tal-HFR;
- id-deskrizzjoni sommarja tal-kisbiet xjentifiċi ewlenin;
- l-istat tal-attivitajiet tal-manutenzjoni u tat-tiswija;
- l-istat tal-baġit f'dak li jirrigwarda l-introjt mill-Istati Membri u l-użu tal-baġit tal-programm supplimentari ta' riċerka (inkluż il-provvedimenti għad-dekummissjonar, il-kostijiet tal-ġestjoni, il-pagament lill-operatur, eċċ.).

1.5. **Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

L-HFR jimmira li jappoġġa l-attivitajiet tar-riċerka u tal-iżvilupp tal-Istati Membri parteċipanti fl-oqsma ta': is-sikurezza tal-installazzjonijiet nukleari u taċ-ċiklu tal-fjuwil, il-ġestjoni tal-iskart, il-fużjoni termonukleari, ir-riċerka fundamentali u l-kapaċitajiet tat-taħriġ.

L-HFR jibqa' attiv biex itejjeb is-sikurezza tar-reatturi. Il-koordinazzjoni tal-isforzi, it-tixrid tar-riżultati u l-appoġġ għall-armonizzazzjoni jitwettqu permezz ta' networks Ewropej.

L-HFR għandu wkoll l-għan li jipprovdi isotopi radjuattivi mediċi.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Il-valur miżjud tal-attivitajiet tar-riċerka tal-HFR huwa marbut mal-effetti transfruntiera, mal-ekonomiji tal-iskala, u mal-kontribut għat-tnaqqis tal-investimenti nazzjonali fir-riċerka.

Ir-reattur jintuża wkoll għall-produzzjoni kummerċjali tal-isotopi radjuattivi għal aktar minn 65 % tal-10 miljun dijanjożi medika mwettqa kull sena fl-Ewropa. Huwa faċilità importanti ħafna għas-settur mediku Ewropew (l-isptarijiet, il-kliniki, it-tobba...) għaliex l-isotopi radjuattivi jintużaw f'diversi oqsma mediċi iżda l-aktar għad-dijanjożi, għall-prevenzjoni u għat-trattament tal-kanċer. Ftit li xejn hemm alternattivi, għaliex jipproduċi l-isotopi b'ħajja qasira li l-aktar li qed jintużaw bħalissa. Minħabba li jinsab fl-Ewropa, il-produzzjoni tar-reattur tiġi diretta b'ħeffa lejn iċ-ċentri mediċi fl-Ewropa.

L-intervent fil-livell Ewropew huwa ġustifikat ukoll minħabba l-għadd limitat ta' reatturi tar-riċerka nukleari disponibbli fl-UE.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġhod*

Il-provvista attwali tat-Teknezju (Tc-99m) għal finijiet mediċi tiddependi minn għadd baxx mhux sostenibbli ta' reatturi tal-produzzjoni, fosthom l-HFR. Peress li dawn ir-reatturi nbnew fil-ħamsinijiet u fis-sittinijiet, issa qed joqorbu t-tmiem tal-ħajja tagħhom; liema fattur iwassal għal ħtieġa dejjem akbar għal waqfien ippjanat għall-manutenzjoni u għal frekwenza dejjem tikber ta' interruzzjonijiet mhux ippjanati fil-produzzjoni. F'nofs Mejju tal-2009, ir-Reattur Kanadiż NRU (produttur tal-isotopi mediċi) waqaf jaħdem u baqa' magħluq għall-kumplament tal-2009, u dan ta' bidu għal skarsezza globali kontinwa ta' isotopi mediċi. Fl-2010, l-HFR twaqqaf biex issir tiswiġa fil-pajpijiet fil-qiegħ tar-reattur (Bottom Plug Liner). Fl-2015, ir-reattur tar-riċerka Osiris fi Franza twaqqaf definittivament. Dawn l-avvenimenti fixxlu l-provvista tal-isotopi mediċi. Aktar reċentement, fl-2023, diversi avvenimenti sinifikanti affettwaw ukoll il-provvista b'mod negattiv: id-dewmien tar-ritorn fis-servizz tar-reattur tar-riċerka MARIA fil-Polonja, id-dewmien tal-ftuħ mill-ġdid tal-HFR minħabba t-tiswiġiet, u d-dewmien fit-tħaddim tar-reattur tar-riċerka SAFARI fl-Afrika t'Isfel b'segwitu għal manutenzjoni ppjanata.

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn*

Il-Programm Supplimentari ta' Riċerka propost se jindirizza sfidi xjentifiċi u teknoloġiċi differenti relatati mas-sikurezza tat-teknoloġiji nukleari. Dan se jkollu attivitajiet marbuta mill-qrib mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom ta' Orizzont Ewropa (2021-2025) kif ukoll mal-estensjoni tiegħu (2026-2027).

Id-dekummissjonar eventwali tal-HFR, bħala installazzjoni tar-riċerka nukleari tal-JRC huwa indirizzat fir-Regolament (Euratom) 2021/100 li jistabbilixxi programm finanzjarju speċifiku għad-dekummissjonar tal-faċilitajiet nukleari u għall-ġestjoni tal-iskart radjuattiv. Il-Programm Supplimentari jittratta esklużivament it-tħaddim sikur tar-reattur, u ma jolqotx u ma jintlaqatx la mil-lat tal-kamp ta' applikazzjoni u lanqas tal-baġit bir-Regolament tal-Kunsill imsemmi hawn fuq.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż il-kamp ta' applikazzjoni għar-riallokazzjoni*

Mhux applikabbli

1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha

☒ durata limitata

☒ fis-seħħ mill-01/01/2024 sal-31/12/2027

☒ impatt finanzjarju mill-2024 sal-2027 għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u mill-2024 sal-2028 għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

☐ durata mhux limitata

Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)⁶

☒ Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

☐ Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati);

☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;

☐ lill-korpi msemija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

☐ lill-korpi tad-dritt pubbliku;

☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;

☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati;

☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

Jekk jiġi indikat iżjed minn metodu ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".

Kummenti

L-HFR huwa proprjetà tal-Kummissjoni f'konformità mal-ftehim tal-25 ta' Lulju 1961 bejn l-Euratom u n-Netherlands (kera ta' 99 sena). It-tħaddim tal-HFR jaqa' taħt ir-responsabbiltà tad-detentur tal-liċenzja tat-tħaddim NRG (NL) li tippermetti tħaddim/sfruttament ibbażat fuq sistema legali indipendenti u sostenibbli. Il-programm supplimentari ta' riċerka, ġestit mill-JRC, jipprovdi introjtu żejjed iddedikat għar-riċerka għall-Istati Membri li qed jiffinanzjawh.

⁶ Id-dettalji tal-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

L-obbligi tal-Kummissjoni jikkonsistu fil-ġestjoni tal-programm supplimentari ta' riċerka u konsegwentement fir-rapportar annwali dwar:

- (i) l-istat tekniku tat-tħaddim tar-reattur,
- (ii) l-użu xjentifiku tiegħu,
- (iii) is-sitwazzjoni baġitarja tiegħu fir-rigward tal-introjtu finanzjarju mill-Istati Membri u
- (iv) il-pagamenti li saru.

Il-programm huwa inkluż fiċ-ċiklu ta' ppjanar tal-JRC u fil-Pjan Annwali tal-Ġestjoni. Minħabba f'hekk, il-monitoraġġ tal-oġġettivi msemmija se jkun inkluż fir-Rapport Annwali dwar l-Attività tal-JRC.

Barra minn hekk, il-JRC se jħejji rapport finali. Dan se jkun iddedikat għall-ġestjoni tal-programm supplimentari ta' riċerka, u se jkopri s-suġġetti li ġejjin:

- ir-rapportar tekniku li jipprovdi d-data dwar it-tħaddim tal-HFR;
- id-deskrizzjoni sommarja tal-kisbiet xjentifiċi ewlenin;
- l-istat tal-attivitajiet tal-manutenzjoni;
- l-istat tal-baġit fir-rigward tal-introjtu mill-Istati Membri u l-użu tal-baġit tal-programm supplimentari ta' riċerka (inkluż il-provvedimenti għad-dekummissjonar, il-kostijiet tal-ġestjoni, eċċ.).

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Dan il-programm huwa kontinwazzjoni tal-programm supplimentari ta' riċerka preċedenti. It-tnejn tiegħu kienet is-suġġett ta' valutazzjoni interna mill-Istati Membri parteċipanti li evalwaw ir-riskji biex jipparteċipaw fih.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ir-rapportar se jkun iddedikat għall-ġestjoni tal-programm supplimentari ta' riċerka, u se jkopri l-kwistjonijiet tekniċi, xjentifiċi u baġitarji (inkluż il-provvedimenti għad-dekummissjonar, eċċ.).

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Mhux applikabbli

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

L-awditjar u l-kontroll intern tar-rapportar imsemmi hawn fuq se jitwettqu mill-uffiċjali tal-JRC, u se jkopru kemm l-aspett tekniku kif ukoll dak baġitarju.

Il-leġiżlazzjoni se tiżgura li jkunu jistgħu jitwettqu l-awditi u l-kontrolli fuq il-post mis-servizzi tal-Kummissjoni, inkluż l-OLAF, billi jintużaw id-dispożizzjonijiet standard rakkomandati mill-OLAF.

L-Istrateġija Kontra l-Frodi tal-JRC ġiet aġġornata fl-2022 sabiex tikkontribwixxi għall-aġġornament tal-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi biex titqies l-aktar metodoloġija reċenti tal-OLAF.

Il-kontroll taċ-ċirkulazzjoni tal-materjali fissili hu kopert mill-Euratom u mill-IAEA.

3. IMPATT FINANZJARJU SMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff. ⁷	mill-pajjiżi tal-EFTA ⁸	mill-pajjiżi kandidati ⁹	mill-pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
1a	Artikolu 01 20 03 – Azzjonijiet oħra Partita 01 20 03 05 – Tħaddim tar-reattur ta' fluss għoli (HFR) – Programm supplimentari tal-HFR	AD	LE	LE	LE	IVA

Linji baġitarji ġodda mitluba mhux applikabbli

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	mill-pajjiżi kandidati	mill-pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[XX.YY.YY.YY]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

⁷ Diff.= Approprijazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprijazzjonijiet mhux differenzjati.

⁸ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

⁹ Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- ☒ Il-proposta/L-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- ☐ Il-proposta/L-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	1a	Kompetittività għat-Tkabbir u għall-Impjiegi
--	-----------	---

DĠ: JRC			Sena 2024 ¹⁰	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Sena >-2027	TOTAL
• Appropriazzjonijiet operazzjonali								
Linja baġitarja ¹¹ 01 20 03 05	Impenji	(1a)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.		p.m.
	Pagamenti	(2a)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi ¹²								
Linja baġitarja		(3)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.		p.m.
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għad-DĠ JRC	Impenji	=1a+1b +3	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	.	p.m.
	Pagamenti	=2a+2b	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.

¹⁰ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Jekk jogħġbok issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni mistennija (pereżempju: l-2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

¹¹ Skont in-nomenklatura uffiċjali tal-baġit għall-2020, għas-snin 2021-2023 għandu jiġi speċifikat bin-nomenklatura għall-QFP 2021-2027

¹² Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

		+3						
--	--	----	--	--	--	--	--	--

• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.		p.m.
	Pagamenti	(5)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.		p.m.
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 1a tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.		p.m.
	Pagamenti	=5+ 6	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.

Jekk aktar minn intestatura operazzjonali waħda tkun affettwata mill-proposta/mill-inizjattiva, irrepeti t-taqsima ta' hawn fuq: mhux applikabbli

• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha)	Impenji	(4)							
	Pagamenti	(5)							
TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha)		(6)							
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+ 6							
	Pagamenti	=5+ 6							

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	5	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	-------------------------

Meta tintela din it-taqsima għandha tintuża d-“data baġitarja ta’ natura amministrattiva” li qabel kolloxx għandha tiġi introdotta fl-[Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva](#) (l-Anness V tar-regoli interni), li jittella’ fid-DECIDE għal finijiet tal-konsultazzjoni interservizz.

miljuni ta’ EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara t-Taqsima 1.6)			TOTAL
DĠ: <.....>									
• Riżorsi umani		mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli				mhux applikabbli
• Nefqa amministrattiva oħra		mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli				mhux applikabbli
TOTAL DĠ <.....>	Appropriazzjonijiet	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli				mhux applikabbli

TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total tal-impenji = Total tal-pagamenti)	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli				mhux applikabbli
---	---	------------------	------------------	------------------	------------------	--	--	--	------------------

miljuni ta’ EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena N ¹³	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal- impatt (ara t-Taqsima 1.6)			TOTAL
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.				p.m.
	Pagamenti	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.				p.m.

3.2.2. Output stmat iffinanzjat mill-appropriazzjonijiet operazzjonali

Appropriazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (sa tliet pozzizzjonijiet deċimali)

Indika l- objettivi u l- outputs			Sena 2024		Sena 2025		Sena 2026		Sena 2027		TOTAL	
	OUTPUTS											
	Tip ¹⁴	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali	Kost totali
↓												
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 ¹⁵ ...			Tħaddim sikur u affidabbli tal-HFR									
– Output	Jiem ta’ tħaddim bil- qawwa kollha	mhux applikab bli	250	p.m.	250	p.m.	250	p.m.	250	p.m.	1 000	p.m.
Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 1			250	p.m.	250	p.m.	250	p.m.	250	p.m.	1 000	p.m.

¹³ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Jekk jogħġbok issostitwixxi l-“N” bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni mistennija (pereżempju: l-2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

¹⁴ L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereż. l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

¹⁵ Kif deskritt fil-punt 1.4.2. “Objettiv(i) speċifiku/ċi...”

TOTALI	250	p.m.	250	p.m.	250	p.m.	250	p.m.	1 000	p.m.
--------	-----	------	-----	------	-----	------	-----	------	-------	------

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi

☒ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva

☐ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (sa tliet pozzizzjonijiet deċimali)

	Sena N ¹⁶	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara t-Taqsima 1.6)	TOTAL
--	-------------------------	-------------	-------------	-------------	--	-------

INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi Umani								
Nefqa amministrattiva oħra								
Subtotal tal- INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

Barra mill- INTESTATURA 5¹⁷ tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi Umani								
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva								
Subtotal barra mill- INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

TOTAL								
--------------	--	--	--	--	--	--	--	--

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-appropriazzjonijiet tad-DĠ diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew diġà riallokati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

¹⁶ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Jekk jogħġbok issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni mistennija (pereżempju: l-2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

¹⁷ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- ☒ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani.
- ☐ Il-proposta/L-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal- impatt (ara t-Taqsim 1.6)
• Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)					
XX 01 01 01 (Kwartieri ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)					
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)					
XX 01 05 01/11/21 (Riċerka indiretta)					
10 01 05 01/11 (Riċerka diretta)					
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)¹⁸					
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")					
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet)					
XX 01 04 ss ¹⁹	– fil-Kwartieri Ġenerali				
	– fid-Delegazzjonijiet				
XX 01 05 02/12/22 (AC, END, INT – Riċerka indiretta)					
10 01 05 02/12 (AC, END, INT – Riċerka diretta)					
Linji baġitarji oħra (speċifika)					
TOTAL					

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew diġà riallokati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li għandhom jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	L-unika ħidma li se jwettaq il-JRC hija l-ġestjoni tal-Programm Supplimentari. Din issir permezz tal-mezzi li huma kompletament iffinanzjati minn dħul assenjat li ġej mill-Programm Supplimentari ta' Riċerka.
Persunal estern	Mhux applikabbli

¹⁸ AC= Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = persunal tal-aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni f' Delegazzjonijiet.

¹⁹ Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

3.2.4. *Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

- ☐ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).
- ☐ tirrikjedi l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali kif definiti fir-Regolament QFP.
- ☐ tirrikjedi reviżjoni tal-QFP.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/L-inizjattiva:

- ☐ ma tippredix kofinanzjament minn partijiet terzi
- ☒ tippredix l-kofinanzjament minn partijiet terzi stmat hawn taħt:

Approporzjonijiet f' miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal- impatt (ara t-Taqsima 1.6)			Total
In-Netherlands	5,440	6,925	6,925	6,925				26,215
Franza	0,150	0,150	0,150	0,150				0,600
TOTAL tal- approporzjonijiet kofinanzjati	5,590	7,075	7,075	7,075				26,815

Impatt stmat fuq id-dħul

☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

☒ Il-proposta/L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☒ fuq dħul ieħor

indika jekk id-dħul huwiex assenjat għal-linji tan-nefqa ☒

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Appropriazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ²⁰			
		Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027
Partita 6221		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.

Partita 6 2 2 1

Dħul mit-tħaddim tar-reattur ta' fluss għoli (HFR) – Dħul assenjat

Kummenti oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

Il-programm supplimentari ta' riċerka huwa ffinanzjat minn kontribuzzjonijiet li ġejjin mill-Istati Membri parteċipanti, ikkalkulati abbażi tal-baġit fil-perjodu 2024-2027.

²⁰ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.